

Brussell, 1 ta' Ġunju 2018  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0186 (CNS)**

---

---

9643/18  
ADD 3

COCON 9  
VISA 134  
FREMP 90

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2018) 272 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-lvvaġġar tal-UE u li tħassar id- Deċiżjoni 96/409/CFSP

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 272 final.

---

Mehmuż: SWD(2018) 272 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 31.5.2018  
SWD(2018) 272 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal**

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE u li tħassar id-Deċiżjoni  
96/409/CFSP**

{COM(2018) 358 final} - {SEC(2018) 263 final} - {SWD(2018) 273 final}

## Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Proposta għal **Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE u li tħassar id-Deċiżjoni 96/409/CFSP**

### A. Ftieġa li tittieħed azzjoni

**Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata? Massimu ta' 11-il linja**

Id-Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE (ETD tal-UE, EU Emergency Travel Document) huwa l-aktar tip ta' assistenza konsulari li tingħata lil ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'diffikultà f'pajjiżi terzi. Minkejja li ma jinħariġx f'ammonti kbar, l-għajjnuna li ETD tal-UE jagħti liċ-ċittadini hija kruċjali biex ikunu jistgħu jirritornaw lura pajjiżhom u jirrappreżenta turija viżibbli tal-valur taċ-ċittadinanza tal-UE u tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri. Għoxrin sena wara l-introduzzjoni tal-ETD tal-UE, ġew identifikati l-problemi segwenti fl-implimentazzjoni tiegħu:

- nuqqas ta' eżegwibbiltà tad-Deċiżjoni tal-PESK qabel Lisbona 96/409/CFSP;
- inċertezza tad-dritt minħabba diskrepanzi bejn id-Deċiżjoni u d-Direttiva aktar riċenti dwar il-Protezzjoni Konsulari;
- il-karatteristiċi tas-sigurtà tal-ETD tal-UE huma antikwati u għandhom impatt negattiv fuq l-użu u l-aċċettazzjoni tiegħu;
- il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tista' tittejjeb sabiex l-aċċess taċ-ċittadini għall-ETD tal-UE jkun iffaċilitat.

**X'mistennija tikseb din l-inizjattiva? Massimu ta' 8 linji**

Objettivi ġenerali

- It-tiŝiħ taċ-ċittadinanza tal-UE billi jiġi ffaċilitat id-dritt taċ-ċittadini għall-protezzjoni konsulari barra pajjiżhom.
- It-titjib tas-sigurtà fl-UE u fil-fruntieri tagħha billi jittejjbu l-karatteristiċi tas-sigurtà tad-dokument.

Objettivi speċifiċi

- Il-leġiżlazzjoni tal-ETD tal-UE ssir eżekutorja u tiġi adattata għad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Konsulari.
- Tittejjeb is-sigurtà tad-dokument f'konformità max-xejriet u mal-politiki eżistenti dwar it-titjib tas-sigurtà.
- Ikun issimplifikat il-ħruġ tal-ETDs tal-UE għaċ-ċittadini u tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.
- Tittejjeb l-aċċettazzjoni tal-ETDs tal-UE.

**X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà) Massimu ta' 7 linji**

ETD tal-UE aktar sigur jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-Unjoni billi jindirizza "l-ħolqa d-dgħajfa" fost id-dokumenti tal-ivvjaġġar li jippermettu d-dħul fl-UE. Jittratta wkoll il-frammentazzjoni fl-użu tal-ETDs tal-UE u jżid ir-rikonoxximent minn pajjiżi terzi. Min-naħa dan inaqqas ir-riskju li ċ-ċittadini jiġu miċħuda l-aċċess għall-inġenji tal-ajru jew it-tranżitu minn pajjiżi terzi, u b'hekk ikunu jistgħu jirritornaw lejn djarhom b'faċilità akbar. L-azzjoni tal-UE skont it-Trattat ta' Lisbona tagħti lok għal monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni u tiffaċilita l-eżekuzzjoni ta' dan id-dritt ta' ċittadinanza tal-UE.

### B. Soluzzjonijiet

**X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex? Massimu ta' 14-il linja**

Tqiesu tliet għażliet ta' politika prinċipali:

- Għażla ta' Politika 1: *Status quo*
- Għażla ta' Politika 2: Leġiżlazzjoni ġdida – ETD tal-UE b'karatteristiċi tas-sigurtà msaħħa
- Għażla ta' Politika 3: Leġiżlazzjoni ġdida – ETD tal-UE b'ċipp bijometriku

Għażliet imwarrba:

- Miżuri mhux vinkolanti (xi miżuri mhux vinkolanti huma inklużi fl-għażla ppreferuta)
- Revoka tad-Deċiżjoni tal-ETD tal-UE
- ETD tal-UE obbligatorju għaċ-ċittadini kollha

L-għażla ppreferuta hija l-Għażla 2: Leġislazzjoni ġdida – ETD tal-UE b'karatteristiċi tas-sigurtà msaħħa.

**Liema għażla u min jappoġġaha? Massimu ta' 7 linji**

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew esprimew ix-xewqa tagħhom li jżommu l-ETD tal-UE komuni u jaraw li jiġi mmodernizzat, b'enfasi fuq it-titjib tal-karatteristiċi tas-sigurtà. Il-konsultazzjoni mal-Istati Membri tal-UE wrew li għall-biċċa l-kbira tagħhom, l-Għażla 3 (iċ-ċipp bijometriku) tqum wisq flus u jippreferu l-Għażla 2 (karatteristiċi tas-sigurtà msaħħa). Għall-pajjiżi terzi, l-Għażla 2 tkun biżżejjed biex tkopri l-każ l-aktar frekwenti ta' vjaġġi ta' ripatrijazzjoni. Il-Kummissjoni esprimiet ukoll ix-xewqa tagħha li ttejjeb is-sigurtà tad-dokument u tagħti l-appoġġ tagħha għall-Għażla 2. Filwaqt li ċ-ċittadini ma sarulhomx mistoqsijiet dwar il-karatteristiċi tas-sigurtà speċifiċi, dawk li wieġbu appoġġaw bi ngarhom format komuni u t-titjib għall-aċċettazzjoni tad-dokument.

**C. Impatti tal-għażla ppreferuta**

**X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? Massimu ta' 12-il linja**

L-għażla ppreferuta se jkollha benefiċċji f'haqna oqsma, għalkemm dawn mhumiex faċilment kwantifikabbli.

Iċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jserrħu fuq il-fatt li ETD tal-UE jkun jista' jinkiseb mill-konsolati kollha tal-Istati Membri, f'konformità mal-*acquis* attwali tal-UE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Konsulari. Għaldaqstant dawn ikunu jibbenefikaw minn dritt ġuridiku għal ETD tal-UE f'aktar sitwazzjonijiet minn dawk previsti skont id-Deċiżjoni attwali dwar l-ETD tal-UE u minn skadenzi u proċeduri ta' f'ruġ aktar ċari.

L-Istati Membri u l-UE jkunu jibbenefikaw minn frontieri aktar siguri, bis-saħħa tal-karatteristiċi tas-sigurtà mtejjba tal-ETD l-ġdid tal-UE. Id-dokument il-ġdid ikun ukoll aċċettat b'mod aktar mifrux u jkun aktar faċli li jiġi pproċessat fil-fruntieri. Rikonoxximent usa' jwassal biex iċ-ċittadini mhux rappreżentati jiffrankaw finanzjarjament bis-saħħa ta' anqas spejjeż ta' inkonvenjent u frankar ieħor, pereż. fuq soġġorni f'luqandi u arranġamenti għal vjaġġi alternattivi. Il-format aktar sigur tal-ETD tal-UE, li se jkun multilingwi u jista' jiġi prodott fil-livell tal-UE, jirrappreżenta wkoll alternattiva kosteffiċjenti għall-Istati Membri li qed jikkunsidraw li jissostitwixxu l-ETDs nazzjonali antikiwati. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tkun tista' tinforza l-leġislazzjoni l-ġdida tal-ETD tal-UE u ttwettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha.

**X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? Massimu ta' 12-il linja**

Il-kost tad-dokument il-ġdid huwa mistenni li jibqa' baxx, billi l-għażla ppreferuta terġa' tuża t-tagħmir eżistenti użat għall-viżi, li diġà huwa disponibbli fil-konsolati tal-Istati Membri tal-UE u li l-persunal tal-konsolati huma diġà m'harrġa biex jużawh. Il-bżonn għal xi taħriġ addizzjonali għall-ETD tal-UE huwa għalhekk mistenni li jibqa' baxx. L-ETD l-ġdid tal-UE, inkluża l-istiker tal-ETD, huwa mistenni li jkun jiswa madwar EUR 8 għal kull dokument. Ladarba l-ammont ta' ETDs li jinħarġu mill-Istati Membri lil ċittadini mhux rappreżentati huwa stmat għal madwar 1000 fis-sena, l-impatt finanzjarju totali huwa mistenni li jibqa' baxx. Se jkun jiddependi mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, jekk il-kostijiet tal-produzzjoni għad-dokument il-ġdid jiġux mgħoddija jew le fuq iċ-ċittadini. Madankollu, minħabba l-kost baxx ta' produzzjoni, l-impatt finanzjarju potenzjali ta' kwalunkwe żieda huwa mistenni li jibqa' baxx.

**Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi? Massimu ta' 8 linji**

Xi benefiċċji li jirriżultaw minn ETD tal-UE mtejjeb huma mistennija li se jinħassu min-negozji, billi l-impjegati jkunu jistgħu jirritornaw għax-xogħol aktar malajr jekk l-ETD tal-UE jiġi aċċettat b'mod aktar mifrux u jinħareġ aktar malajr. Iż-żieda fl-aċċettazzjoni tnaqqas ukoll il-kostijiet tal-kumpaniji tal-ajru li jirrigwardaw iċ-ċaħda tal-imbarkazzjoni taċ-ċittadini li jkunu qed jivvjaġġaw b'ETD tal-UE.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? Massimu ta' 4 linji**

Ma huwa previst l-ebda impatt sinifikanti minħabba l-ammont żgħir ta' ETDs tal-UE li jinħarġu, il-kost baxx ta' produzzjoni u l-ħtiġijiet baxxi għat-taħriġ.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra? Massimu ta' 6 linji**

Ma huwa previst l-ebda impatt sinifikanti ieħor.

**D. Segwitu**

**Meta se tiġi rieżaminata l-politika? Massimu ta' 4 linji**

*Apparti monitoraġġ regolari mill-Istati Membri, qed jiġi propost li l-Kummissjoni tippreżenta rapport ta' implimentazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'ames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-miżuri leġiżlattivi.*